**QORTI TAL-MAGISTRATI**
**MALTA**

***MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO***
**B.A., M.A.(*Fin. Serv.*), LL.D.**

**Illum 25 ta' Frar 2022**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 26/22**

**Fl-ismijiet:**

**Cose Casa Ltd (C15933)**

***vs***

**Nigel Gatt KI 163188(M)**

**Kaz Numru: 1**

**Rikors Revoka Numru : 19/2022 NB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Nigel Gatt ai termini tal-artikolu 381 u 382 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ppreżentat fil-25 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikorrent issottometta:

Illi huwa jinsab rinfaccjat bil-mandat ta' sekwestru sudett ghall-ammont ta' €4,483.34 u bl-istess mandat giet sekwestrata l-paga tieghu mis-socjeta Avantgarde Caterers Ltd fejn huwa impjegat.

Illi huwa jircievi salarju ta’ €844.55 fix-xahar.

Illi d-datur tax-xoghol tieghu informah li ser jibda jiddepozita l-paga l-Qorti.

Ir-rikorrent kien ghalhekk f’sitwazzjoni ddisperata minhabba dan il-mandat u kellu jhallas manteniment ghal familtu.

Ghalhekk talab li l-mandat ma jkollux effett fuq il-parti tal-paga li hi protetta, it-thassir in parte tal-effetti tal-mandat fuq il-paga tieghu jew somma ohra stabbilita mill-Qorti u li jinhareg l-opportun kontro-mandat.

Rat id-Digriet taghha tat-28 ta’ Jannar 2022 li bis-saħħa tiegħu r-rikors ġie appuntat għas-smigħ għall-14 ta’ Frar 2022.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2022 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Nicholas Formosa ghar-rikorrenti, Nigel Gatt prezenti. Deher ukoll Dr. Carlo Vigna ghas-socjeta ezekutanta Cose Casa Ltd. Dr. Vigna ta’ ruhu b'notifikat seduta stante bl-avviz tas-smigh u bir-rikors b’kopja tal-istess giet moghddija lilu seduta stante. Dr. Formosa ghar-rikorrent informa lill-Qorti li d-datur tax-xoghol tar-rikorrent, ossia Avantguard Caterers Ltd sejjer jiddepozita s-salarju tar-rikorrenti b'mod shih.

Rat id-digriet taghha fl-istess udjenza fejn in vista ta' dak dikjarat mir-rikorrenti, l-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex jinnotifika l-atti u l-verbal de quo lis-socjeta Avanguard Caterers Ltd li giet ordnata sabiex ma tiddepozitax is-salarju tar-rikorrent li huwa protett ai termini tal-Art. 382 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddepozita biss dik is-somma li talvolta teċċedi l-ammont ta' Ewro 698.81 fix-xahar.

Rat ir-risposta tas-socjeta CoseCasa Ltd pprezentata fis-17 ta’ Frar 2022 (fol 14).

Rat l-atti proċesswali kollha.

***Ikkunsidrat***

Illi fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2022 deher Dr. Nicholas Formosa ghar-rikorrenti u Dr. Carlo Vigna ghas-socjeta ezekutanta. Il-Qorti giet infurmata illi Nigel Gatt hallas sehemu minn dak li kien dovut lis-socjeta ezekutanta CoseCasa Ltd u cioe’ nofs l-ammont indikat fil-mandat de quo u kwindi l-istess CoseCasa Ltd ipprezentat fil-konfront tal-istess Nigel Gatt il-kontro-mandat opportun filwaqt li zammet ferm il-mandat taghha fil-konfront biss tad-debitur l-iehor Xylon Aquilina.

In vista ta’ dan id-difensuri tal-partijiet qablu li dawn il-proceduri jistghu jigu irtirati u seduta stante Dr. Nicholas Formosa ghar-rikorrent irtira ir-rikors tieghu tal-25 ta’ Jannar 2022, filwaqt li qablu li spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

Illi b’dan il-mod il-partijiet ittransigew il-vertenza u lahqu ftehim kif verbalizzat *supra* quddiem il-Qorti.

***Decide***

Ghaldaqstant abbazi tal-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet, din il-Qorti qeda filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tar-rikorrenti tal-25 ta' Jannar 2022 stante l-ezawriment tal-mertu, tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

---

**Mario Spiteri**
**Deputat Reġistratur**